KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.6.2007
KUMM(2007) 328 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Ibbażat fuq l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat

**{SEG(2007) 808}**

## RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

### Ibbażat fuq l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat

### 1. DAĦLA

Il-Kunsill[1] adotta d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat[2] skond it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Kif jingħad fil-paragrafu (10) tal-Preambolu, l-għan tagħha huwa:

"…li jiġi żgurat li kemm il-korruzzjoni attiva u kemm dik passiva fis-settur privat huma offiżi reati kriminali fl-Istati Membri kollha, illi persuni legali jistgħu jinżammu responsabbli minn dawn l-offiżi, u li dawn l-offiżi jġorru pieni effettivi, ipproporzjonati u dissważivi."

Fil-qalba tagħha hemm ir-rekwiżit li l-Istati Membri[3] jikkriminalizzaw żewġ tipi ta' mġiba, li jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej (ara l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru):

– il-wegħda, l-offerta jew il-għotja ta' vantaġġ mhux mistħoqq lil persuna fis-settur privat sabiex din il-persuna twettaq jew tibqa' lura milli twettaq xi ħaġa bi ksur tad-dmirijiet tagħha

– li titlob jew li tirċievi vantaġġ mhux mistħoqq, jew li taċċetta wegħda ta' dan il-vantaġġ, waqt li taħdem fis-settur privat, sabiex twettaq jew tibqa' lura milli twettaq xi ħaġa, bi ksur tad-dmirijiet ta' dak li jkun.

Il-Kummissjoni tqis li huwa ta' importanza vitali li l-korruzzjoni tiġi indirizzata kull fejn isseħħ. Il-korruzzjoni fis-settur privat għandha impatt dirett fuq il-kompetittività u l-iżvilupp ekonomiku. Billi jegħlbu l-korruzzjoni fis-settur privat, l-Istati Membri jsaħħu s-suq intern u l-ekonomiji tagħhom. Barra minn hekk, dawn il-miżuri jkollhom impatt pożittiv fuq ir-relazzjonijiet ma' l-isħab kummerċjali esterni tal-Komunità Ewropea.

### L-iżvilupp ta' l-istrumenti

Il-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ilha prijorità tal-KE għal żmien twil. Mill-1995 'il quddiem ġew adottati għadd ta' strumenti legali li jittrattaw il-korruzzjoni, qabel ma ġiet adottata l-Azzjoni Konġunta dwar il-korruzzjoni fis-settur privat. Dawn l-istrumenti ta' qabel kienu kif ġej:

- Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, 1995 u l-Protokolli assoċjati tiegħu[4]

---

1 2524 Laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u s-Sajd) li saret f'Brussel fit-22 ta' Lulju 2003

2 ĠU L 192, 31.7.2003, p. 54.

3 Tul dan ir-Rapport, it-terminu "Stati Membri" jitqies li jirreferi għall-UE-25; ir-Rumanija u l-Bulgarija jiġu mistiedna jikkontribwixxu għal kwalunkwe Rapport sussegwenti li jista' jiġi ppreparat

4 ĠU C 316, 27.11.95, p. 3.

- Il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni li tinvolvi Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew Uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, 1997[5]

Wara dan, ingħatat attenzjoni lis-settur privat, u ġiet żviluppata l-Azzjoni Konġunta dwar il-korruzzjoni fis-settur privat (Azzjoni Konġunta tat-22 ta' Diċembru 1998 (98/742/JHA))[6]. Din l-Azzjoni Konġunta ġiet meqjusa bħala l-ewwel pass fl-indirizzar ta' l-impatt tal-korruzzjoni fis-suq intern u fil-kummerċ internazzjonali. Hija talbet lill-Istati Membri jistabbilixxu:

- kemm il-korruzzjoni passiva kif ukoll dik attiva fis-settur privat bħala offiżi kriminali, għall-inqas fejn din l-imġiba wasslet għat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni relatata ma' l-għotja tal-kuntratti

- ir-responsabbiltà tal-persuni legali relatata mal-korruzzjoni attiva.

**L-istrumenti relatati mal-korruzzjoni fis-settur privat minn entitajiet oħrajn**

Għandu jiġi nnutat li matul l-aħħar tas-snin 1990, il-Kunsill ta' l-Ewropa wkoll żviluppa varjetà ta' miżuri biex jindirizza bosta aspetti tal-korruzzjoni, fosthom il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali kontra l-Korruzzjoni[7]. Din il-Konvenzjoni inkludiet Artikoli dwar il-korruzzjoni fis-settur privat (it-tixħim attiv – l-Artikolu 7, u t-tixħim passiv – l-Artikolu 8). Dawn kienu usa' mill-istrateġija fl-Azzjoni Konġunta, u wara fid-Deċiżjoni Kwadru, għaliex ma pprovdew għal ebda restrizzjoni għall-imġiba li tinvolvi tagħwiġ tal-kompetizzjoni. Inkludiet ukoll dispożizzjoni dwar ir-responsabbiltà korporativa (l-Artikolu 18), li hija idjaq minn dik fid-Deċiżjoni Kwadru, għaliex ma testendix għat-tixħim passiv. Filwaqt li kemm id-Deċiżjoni Kwadru u l-Konvenzjoni jipprovdu li t-terminu "persuna legali" huwa bbażat fuq id-definizzjoni ta' dak it-terminu fil-liġi nazzjonali applikabbli, il-kuntest huwa potenzjalment usa' taħt id-Deċiżjoni Kwadru, għaliex hija testendi speċifikament l-ambitu ta' l-offiżi tal-korruzzjoni passiva u attiva għall-attivitajiet kummerċjali fl-attivitajiet ta' entitajiet li jagħmlu l-profitt u dawk mingħajr profitt.

Sal-lum, il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill Ewropew ġiet iffirmata mill-Istati Membri kollha iżda rratifikat minn 19 biss[8]. Xi Stati Membri, kif permess mill-proċess tar-ratifika, għamlu riżervazzjonijiet relatati ma' xi Artikolu jew Artikoli msemmija qabel.[9] Għalkemm it-tieni sessjoni ta' evalwazzjoni (2003-2005) li għamel il-mekkaniżmu tal-Kunsill ta' l-Ewropa, GRECO, inkluda r-Responsabbiltà Korporativa ta' l-Artikolu 18 fl-ambitu tiegħu, il-fokus tiegħu ma estendiex sa l-Artikoli 7 u 8 dwar il-korruzzjoni fis-settur privat. Għalhekk, dan ir-Rapport ma fihx riferenzi għall-evalwazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

In-Nazzjonijiet Uniti wkoll indirizzat il-korruzzjoni fis-settur privat. L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' l-UN kontra l-Korruzzjoni (UNCAC - *UN Convention against Corruption*), 2003 ma jeħtieġx lill-Partijiet jistabbilixxu offiżi kriminali fir-rigward tal-korruzzjoni fis-

5 ĠU C 195, 25.06.97, p. 1.

6 L-Azzjoni Konġunta tat-22 ta' Diċembru 1998 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu K3 tat-Trattat dwar Unjoni Ewropea, dwar il-korruzzjoni fis-settur privat (98/742/JHA) ĠU L 358, 31.12.98, p. 2 -4.

7 Il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali kontra l-Korruzzjoni (ETS Nru. 173 Strasburg 27.1.1999) http://conventions.coe.int/Treaty

8 L-eċċezzjonijiet huma huma l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja u Spanja.

9 Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja – l-Artikoli 7, 8; ir-Renju Unit – l-Artikolu 7; l-Ungerija - l-Artikolu 8

settur privat. L-ambitu tiegħu huwa primarjament limitat biex iħeġġeġ lill-Istati Partijiet jieħdu miżuri biex irażżnu l-korruzzjoni fis-settur privat, itejbu l-istandards taż-żamma tal-kotba u tal-verifiki, iħeġġu t-trasparenza u jimplimentaw pieni ċivili, amministrattivi jew kriminali għan-nuqqas ta' konformità magħhom.

**L-inizjattiva Daniża**

F'Lulju 2002 id-Danimarka ppreżentat Inizjattiva għal Deċiżjoni Kwadru[10], li wara li tkun ġiet adottata, tiġi mħassra l-Azzjoni Konġunta.

L-Inizjattiva stabbiliet kuntest iżjed wiesa' minn qabel billi inkludiet referenza speċifika għat-theddida li ppreżentat il-korruzzjoni għal "soċjetà li tħares il-liġi" kif ukoll kif tgħawweġ il-"kompetizzjoni" u tfixkel l-"iżvilupp ekonomiku tajjeb" (il-Paragrafu 7, tal-Preambolu). L-Inizjattiva ddikjarat li l-għan tad-Deċiżjoni Kwadru kien

"…b'mod partikolari li tiżgura li kemm il-korruzzjoni attiva kif ukoll dik passiva fis-settur privat huma offiża kriminali fl-Istati Membri kolllha, li l-persuni legali jistgħu wkoll jinżammu responsabbli għal dawn l-offiżi u li l-offiżi jġorru pieni effettivi, proporzjonati u disswasivi." (L-Artikolu 8, Preambolu).

**L-Adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru**

Kif ġie rreġistrat fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li jadotta[1], tliet Stati Membri (il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Italja) daħħlu xi dikjarazzjonijiet fil-minuti. L-Irlanda ddikjarat li d-definizzjoni ta' "ksur ta' dmir" (l-Artikolu 1) li tirreferi għal "imġiba żleali" ma kinitx tinkludi "attivitajiet ta' denunzja ta' irregolarità". Il-Ġermanja ddikjarat li t-terminu "fil-kors ta' l-attivitajiet kummerċjali" (l-Artikolu 2(1)) għandu jiġi interpretat fis-sens li ssir referenza għall-attivitajiet relatati max-xiri tal-merkanzija jew ta' servizzi kummerċjali. Kemm il-Ġermanja kif ukoll l-Italja ddikjaraw limitu fl-ambitu ta' l-Artikolu 2 (1) għall-imġiba li tinvolvi, jew li tista' tinvolvi, tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fir-rigward ta' xiri tal-merkanzija jew ta' servizzi kummerċjali (l-Artikolu 2(3)).

## 2. L-GĦAN TAR-RAPPORT U L-METODU TA' L-EVALWAZZJONI

Id-Deċiżjonijiet Kwadru tal-Kunsill jorbtu lill-Istati Membri fir-rigward tar-riżultat li għandu jinkiseb, iżda jħallu għall-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forma u l-metodi. Ma jinvolvux effett dirett.

Minħabba li l-Kummissjoni m'għandha ebda awtorità taħt it-Tielet Pilastru biex tibda proċedura dwar ksur kontra Stat Membru, in-natura u l-għan ta' dan ir-rapport huma limitati għal evalwazzjoni fattwali tal-miżuri ta' implimentazzjoni meħuda.

Ir-Rapport jikkonċentra fuq l-Artikoli 1 sa 7 (b'riferenza qasira għall-Artikolu 10 fejn huwa rilevanti), u jirreġistra d-Dikjarazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri taħt l-Artikoli 2 u 7. Ma jiddiskutix l-Artikoli 8, 9 jew 11 għaliex dawn id-dispożizzjonijiet ma jeħtiġux implimentazzjoni.

---

10 Inizjattiva tar-Renju tad-Danimarka bl-għan li tiġi adottata Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat (2002/C 184/04)

Il-kriterji ta' evalwazzjoni adottati mill-Kummissjoni għal dan ir-Rapport huma l-kriterji ġenerali adottati fl-2001[11] għall-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet qafas (l-effettività prattika, iċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, l-applikazzjoni sħiħa u l-konformità mat-terminu għat-trażpożizzjoni). It-tieni, huma wżati wkoll kriterji speċifiċi għal din id-Deċiżjoni Kwadru, u jingħataw aktar dettalji fil-kuntest ta' l-analiżi ta' l–Artikoli hawn taħt.

L-Artikolu 9(1), tad-Deċiżjoni Kwadru ħtieġ lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw irwieħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru qabel it-22 ta' Lulju 2005. L-Artikolu 9 (2) ħtieġhom jittrażmettu lis-Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Kwadru.

Żewġ Stati Membri (NL, FI) ħarġu r-risposti tagħhom u pprovdew l-leġiżlazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni qabel dik id-data. 21 oħrajn irrispondew wara, li fosthom ir-Repubblika Ċeka pprovdiet l-abbozz tal-leġiżlazzjoni (ħlief l-Artikoli 5 u 6), filwaqt li l-Greċja u Spanja ddikjaraw li kellhom il-leġiżlazzjoni ppreparata iżda minghajr ma pprovdew test sal-lum. Sal-lum, iċ-Ċipru u Malta ma rrispondewx.

Ħafna Stati Membri pprovdew xi forma ta' nota li ġibdet l-attenzjoni lejn xi Dikjarazzjonijiet li xtaqu jagħmlu, oħrajn użaw l-opportunità biex jipprovdu nota u tabella tal-konkordanza fejn spjegaw l-istrateġija ġenerali u dik partikolari meħuda fil-leġiżlazzjoni tagħhom, sostnuta bir-riferenzi leġiżlattivi rilevanti. Dwar l-obbligu li jittrażmettu t-test tad-dispożizzjonijiet tagħhom li jittrasponu, id-Danimarka ma pprovdiet ebda test biex tappoġġja dak li madankollu kien kummentarju dettaljat ħafna, filwaqt li għadd ta' Stati Membri oħrajn wettqu omissjonijiet parzjali. Dawn huma indikati f'aktar dettall meta jiġu diskussi l-miżuri rilevanti.

Għalhekk ir-Rapport jipprovdi analiżi tal-kummentarji dwar it-trażposizzjoni u l-leġiżlazzjoni provduti mill-20 Stat Membru, u xi kummenti dwar l-abbozz tal-leġiżlazzjoni sottomess mir-Repubblika Ċeka.

**L-Artikolu 1 - Definizzjonijiet**

Ftit Stati Membri taw għall-inqas risposta parzjali għal dan l-Artikolu. Xi Stati Membri oħrajn esprimew il-fehma li ma kienx hemm bżonn li ssir risposta għalih. Iżda, il-fehma tal-Kummissjoni hija li l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dawn id-definizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun siewja ħafna sabiex ikun ċar kif dawn il-kunċetti jiġu ttrattati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, mhuwiex possibbli li l-Kummissjoni tkun ċerta li d-Deċiżjoni Kwadru ġiet trasposta kif suppost – per eżempju, informazzjoni dwar id-definizzjoni ta' "persuna legali" hija essenzjali biex tiġi analizzata t-traspożizzjoni ta' l-Artikolu 5.

**L-Artikolu 2 – Il-korruzzjoni attiva u passiva fis-settur privat**

L-Artikolu 2 huwa l-Artikolu ewlieni tad-Deċiżjoni Kwadru ta' l-2003. Mhux biss jiġbor id-definizzjonijiet u l-offiżi dwar il-korruzzjoni attiva u dik passiva rispettivament, iżda wkoll iwessa' l-ambitu ta' l-offiżi lil hinn mis-suq intern, kemm-il darba Stat Membru ma jkunx espliċitament għamel dikjarazzjoni li biha jżomm tali limitu.

[11] COM(2001) 771, 13.12.2001, punt 1.2.2

L-Artikolu 2 wera ruħu problematiku ħafna għall-parti l-kbira ta' l-Istati Membri. Tnejn biss (BE, UK) ittrasponew b'mod korrett l-elementi kollha tiegħu. Iżda ħlief rekwiżit wieħed fl-Artikolu 2(1), PT u IE xorta għamlu dan ukoll. Filwaqt li jista' jingħad li sa ċertu grad l-Istati Membri kkriminalizzaw il-korruzzjoni attiva u dik passiva fis-settur privat, hemm għadd ta' kwistjonijiet li l-Istati naqsu milli jindirizzaw b'mod xieraq. Dan huwa tħassib gravi, għaliex l-elementi mħollija barra jfissru li l-leġiżlazzjoni tista' faċilment tiġi evitata. L-Istati Membri huma mitluba jindirizzaw dawn il-lakuni bħala kwistjoni ta' urġenza.

Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jistabbilixxu **offiżi kriminali ta' korruzzjoni attiva u dik passiva fir-rigward ta' attivitajiet kummerċjali fis-settur privat** huwa stabbilit fl-Artikolu 2 (1). Biex l-analiżi tkun aktar faċli, il-leġiżlazzjoni tqieset kontra Kwadru tas-7 elementi tad-deskrizzjoni taħt l-Artikolu 2 1 (a) (il-korruzzjoni attiva) u 2 1 (b) (il-korruzzjoni passiva) rispettivament. Minħabba li l-leġiżazzjoni tal-parti l-kbira ta' l-Istati Membri kienet simili ħafna għat-tnejn, dawn il-kummenti li ġejjin jiffokaw biss fuq l-offiża tal-korruzzjoni attiva (l-Artikolu 2 1 (a)).

- "il-wegħda, l-offerta jew il-għotja "

Ħdax-il Stat Membru laħqu dan ir-rekwiżit, iżda 7 (EE, HU, IT, NL, PL, PT, SK) naqsu li jinkludu "l-offerta", LU naqset li tinkludi "l-għotja" u LV naqset li tinkludi "il-wegħda".

- "direttament jew permezz ta' intermedjarju "

L-20 Stat Membru jipprovdu għall-korruzzjoni diretta. Iżda 8 Stati Membri jew ħallew barra l-intermedjarji (AT, DE, FI, IT, NL, PL, SE, SI) jew biddlu l-fokus ta' l-offiża biex jipprovdu għar-responsabbiltà ta' l-intermedjarju (EE) minflok il-persuna li tuża l-intermedjarju.

- "persuna li f'kull kapaċità tmexxi jew taħdem"

Xi Stati Membri ma indirizzawx l-ambitu sħiħ ta' "tidderieġi" (AT, DE, LV, SE) jew "taħdem" (IT, LU, LV, PL) filwaqt li l-EE ma pprovdietx informazzjoni dwar dan il-punt.

- "entità tas-settur privat"

Dan ġie indirizzat b'mod ċar minn 18-il Stat Membru, iżda l-EE ma pprovdiet ebda informazzjoni filwaqt li l-LU ma pprovdietx definizzjoni tat-terminu "entità legali".

- "vantaġġ mhux mistħoqq ta' kull kwalità"

Erbatax-il Stat Membru jilħqu dan ir-rekwiżit. Iżda 5 (DE, EE, FI, LT, NL) ma jindirizzawx il-benefiċċji intanġibbli. L-IE indikat li kienet qed tipprepara l-leġiżlazzjoni dwar dan il-punt.

-"għaliha nfisha jew għal parti terza"

Mentri FR u l-EE ma pprovdewx informazzjoni dwar dan il-punt, 16-il Stat Membru jikkriminalizza l-għotja eċċ ta' vantaġġ lil persuna jew lil terza parti, iżda l-IT u l-NL iħallu barra l-element tat-terza parti mil-leġiżlazzjoni tagħhom.

- "sabiex twettaq jew tibqa' lura milli twettaq kull att, bi ksur tad-dmirijiet ta' dak li jkun"

Tlettax-il Stat Membru jilħaq dan ir-rekwiżit. Erba' Stati Membri (HU, PL, SE, SI) ma indirizzawx "tibqa' lura", filwaqt li DE u LT ma jindirizzawx l-element "bi ksur tad-dmirijiet ta' dak li jkun". L-EE ma pprovdietx informazzjoni dwar dan il-punt.

Dwar il-korruzzjoni li tinvolvi **entitajiet mingħajr qligħ** (l-Artikolu 2 (2)), spiss kien hemm nuqqas ta' informazzjoni li fuqha tista' tiġi bbażata xi analiżi. Fejn possibbli, jekk jista' jinsab xi materjal rilevanti band'oħra, eż dan intuża fir-rigward ta' l-Artikolu 5 dwar ir-responsabbiltà ta' persuni legali. Madankollu, is-sitwazzjoni f'10 Stati Membri (AT, FI, HU, IT, LT, LU, LV, PL, SE, SK) baqgħet mhux ċara.

Id-Deċiżjoni Kwadru tipprovdi li Stat Membru jista' jillimita l-ambitu ta' l-offiżi kriminali tal-korruzzjoni attiva u dik passiva għall-imġiba li tinvolvi tgħawwiġ tal-kompetizzjoni (l-Artikolu 2 (3)), iżda teħtieġ li jipprovdi Dikjarazzjoni f'dan is-sens. L-Artikolu 2 (4) tad-Deċiżjoni Kwadru mhux biss jipprovdi għall-komunika ta' tali Dikjarazzjoni lill-Kunsill meta tiġi adottata, iżda jillimita l-validità tagħhom għal ħames snin mit-22 ta' Lulju 2005, filwaqt li l-Artikolu 2 (5) jeħtieġ lill-Kunsill, qabel ma jiskadi dak it-terminu, jeżamina jekk dawn id-Dikjarazzjonijiet jistgħux jiġġeddu. Fejn l-Istati Membri kienu għamlu xi Dikjarazzjonijiet (l-Artikolu 2 (3)), formalment mal-Kunsill jew permezz ta' ittra bil-materjal ta' traspożizzjoni tagħhom, dawn ġew meqjusa. Dawn id-Dikjarazzjonijiet ġew magħmula minn DE, IT u PL. Jekk dawn id-Dikjarazzjonijiet jistgħux jiġu mġedda hija kwistjoni li għandu jqis il-Kunsill qabel it-22 ta' Lulju 2010 (l-Artikolu 2 (5)). L-AT wkoll ippreżentat Dikjarazzjoni fis-sens li kienet qed tuża l-klawżola ta' eċċezzjoni taħt l-Artikolu 2 (3) fir-rigward ta' kwalunkwe aspett ta' l-Artikolu 2 li ma kinitx ittrasponiet. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-istrateġija ta' l-AT tmur lil hinn mill-ambitu ta' l-Artikolu 2(3), u l-AT hija mistiedna tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha mill-ġdid.

**L-Artikolu 3 – L-istigazzjoni, il-għajnuna u t-tħajjir**

Dan l-Artikolu jiffoka fuq parteċipazzjoni sekondarja fil-korruzzjoni permezz ta' istigazzjoni, għajnuna u t-tħajjir. Dan ma jindirizzax l-attentati.

Il-livell ġenerali ta' traspożizzjoni kien gholi ħafna – 18-il Stat Membru (AT, BE, DK, EE, FI, DE, HU, IE, IT, LT, LU, LV, NL, PL, PT, SE, SK, SL), laħqu r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 3 kif għamel UK (ħlief l-Iskozja).

**L-Artikolu 4 – Penali u sanzjonijiet oħra**

Mibarra r-rekwiżit, fl-Artikolu 4 (1), li l-offiżi huma kastigabbli b'penali kriminali li huma "effettivi, ippropozjonati u dissważivi", l-Artikolu 4 (2) jeħtieġ li l-Istati Membri jkollhom skala "minima-massima" għall-inqas ta' ħabs ta' bejn sena u tliet snin bħala penali għall-offiżi tal-korruzzjoni attiva u dik passiva, u jħalli barra kull riferenza għall-provvediment dwar tipi oħrajn ta' penali għal każijiet minuri ta' korruzzjoni attiva jew passiva. L-Artikolu 4 (3) huwa innovativ għaliex jistabbilixxi rekwiżit li l-Istati Membri, skond ir-regoli u l-prinċipji kostituzzjonali tagħhom, jipprovdu f'xi ċirkostanzi għall-projbizzjoni temporanja ta' persuni naturali milli jwettqu dik l-attività kummerċjali jew waħda komparabbli f'pożizzjoni jew kapaċità simili.

Huwa nnutat li għadd ta' Stati Membri, fl-informazzjoni li pprovdew għall-Artikolu 4 (1), ma qisux il-pieni provduti taħt l-Artikolu 3. Fejn possibbli, dawn ġew imdaħħla fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta għall-Artikolu 3 stess.

Ħdax-il Stat Membru (DK, EE, FI, DE, IE, IT, LT, LU, NL, PL, SE) ittrasponew għal kollox l-Artikolu 4.

Huwa nnutat li l-AT tipprovdi għal perjodu ta' ħabs massimu li huwa inqas mill-minimu ta' l-iskala provduta taħt l-Artikolu 4.2 tad-Deċiżjoni Kwadru.

Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri laħqu r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4 (3).

**L-Artikolu 5 – Ir-responsabbiltà tal-persuni legali**

Il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-persuni legali baqgħet waħda diffiċli għal xi Stati Membri. Tliet Stati Membri (AT, IT, SK) , għad iridu jlestu l-leġiżlazzjoni dwar dan is-suġġett jew din il-leġiżlazzjoni ġiet miċħuda mill-Parlament, fil-każ tar-Repubblika Slovakka, u għalhekk naqsu milli jittrasponu l-Artikoli 5 u 6, Deċiżjoni Kwadru. Barra minn dan, l-Irlanda qed tipprepara l-leġiżlazzjoni biex speċifikament tindirizza l-Artikolu 5(2).

5 Stati Membri biss (LT, LU, NL, PL, SI) ittrasponew l-Artikolu 5 b'mod sħiħ. 13 ittrasponew l-Artikolu 5(1), b'riżultati x'aktarx aktar baxxi fir-rigward ta' l-Artikolu 5(2), (6 Stati Membri) u l-Artikolu 5(3), (10 Stati Membri). Id-diffikoltà partikolari li tfaċċat hawn fl-analiżi kienet nuqqas ta' informazzjoni mill-Istati Membri, li kien speċjalment evidenti fir-rigward ta' l-Artikoli 5(2) u 5(3). Minħabba li, kif issemma' qabel, 3 Stati Membri għad iridu jippromulgaw il-leġiżlazzjoni biex jindirizzaw l-Artikolu 5, huwa meqjus li l-Artikolu 5 jeħtieġ eżami dettaljat fir-rapporti sussegwenti.

**L-Artikolu 6 – Il-pieni għall-persuni legali**

Kif issemma fir-rigward ta' l-Artikolu 5, 3 Stati Membri (AT, IT, SK) m'għandhomx leġiżlazzjoni biex jittrasponu l-Artikoli 5 u 6. Il-Lussemburgu indikat li qed tipprepara l-leġiżlazzjoni biex tipprovdi għall-possibbiltà ta' pieni għall-persuni legali.

Minħabba li l-Artikoli 5 u 6 jittrattaw dwar persuni legali, id-diffikultajiet u l-lakuni fil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri, jew fl-informazzjoni li pprovdew għall-Artikolu 5 kellhom impatt fuq ir-rata tat-traspożizzjoni ta' l-Artikolu 6. Ħames Stati Membri (DK, LT, NL, PL, SI) ittrasponew l-Artikolu b'mod sħiħ. Hija meħtieġa aktar informazzjoni minn għadd ta' Stati Membri sabiex tiġi evalwata l-pożizzjoni tagħhom.

F'dawk il-każijiet fejn xi Stati Membri (BE, FI) pprovdew il-livell ta' pieni biss fil-munita ta' qabel l-euro, huma mistiedna jibagħtu l-livelli tal-pieni f'euro għall-evalwazzjoni.

**L-Artikolu 7 – Ġurisdizzjoni**

Filwaqt li l-Kummissjoni tagħraf li l-miżuri ta' ġurisdizzjoni huma karatteristika standard tad-Deċiżjonijiet Kwadru, hija xorta tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu l-istess livell ta' informazzjoni meta jirrispondu għal dawn l-Artikoli kif jagħmlu fir-rigward ta' dawk l-Artikoli li huma speċifiċi għal suġġett. Minħabba li r-risposti ta' l-Istati Membri ma kinux l-istess fir-rigward ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni setgħet biss tipprepara stampa mhux kompleta f'dan l-istadju. L-Istati Membri huma mistiedna jipprovdu l-informazzjoni pendenti, mal-kors taż-żmien, sabiex jgħinu fil-preparazzjoni ta' kwalunkwe rapport sussegwenti.

Dan in-nuqqas ta' informazzjoni kkontribwixxa għal-livell baxx ta' traspożizzjoni – fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta, 3 Stati Membri biss (DK, DE, UK) jistgħu jingħadu li ttrasponew dan l-Artikolu. It-tieni fattur kontributorju ewlieni kien in-nuqqas ta' informazzjoni speċifikament fir-rigward ta' offiżi li seħħu *parzjalment* fit-territorju ta' Stat Membru (ara l-Artikolu 7 (1) (a)). Naturalment huwa possibbli li l-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri tagħmel l-assunzjoni li riferenza għal ġurisdizzjoni fuq l-offiżi li jseħħu fit-territorju tinkludi dan l-element, iżda mingħajr riferenza espliċita fit-test tal-leġiżlazzjoni jew fil-kummentarju li jakkumpanja, din l-assunzjoni ma tistax issir fl-analiżi. Fl-aħħar kien ċar li ħafna Stat Membri ma indirizzawx, fil-leġiżlazzjoni tagħhom, il-possibbiltà fl-Artikolu 7 (1) (c) li jieħdu l-ġurisdizzjoni fuq offiżi kommessi għall-benefiċċju ta' persuna legali li għandha s-sede tagħha fit-territorju tagħhom u ppreżentaw Dikjarazzjoni fejn ma użawx din l-għażla jew ma pprovdew ebda informazzjoni fir-risposta tagħhom.

**L-Artikolu 10 - Applikazzjoni territorjali**

B'riferenza għall-Artikolu 10, UK iddikjara li l-Ġibiltà "bi ħsiebha tittrasponi din il-miżura malli jippermetti ż-żmien leġiżattiv" iżda sal-lum ma pprovdietx it-test tal-leġiżazzjoni ppromulgata.

**Leġiżlazzjoni fil-proċess li ssir – ir-Repubblika Ċeka**

Ir-Repubblika Ċeka pprovdiet ittra ta' introduzzjoni u tabella komparattiva li tinkludi t-taqsimiet rilevanti ta' l-abbozz tal-kodiċi kriminali tagħha. Minbarra l-Artikoli 5 u 6, hija għarrfet lill-Kummissjoni li l-abbozz tal-leġiżlazzjoni taghha kien kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru. Iżda wara hija m'għarrfitx lill-Kummissjoni dwar il-progress b'dan l-abbozz tal-leġiżlazzjoni u għalhekk, għaliex jidher li t-test ghadu soġġett għal emendi fil-kuntest tal-proċeduri preliminarji, il-Kummissjoni toffri biss il-kummenti ġenerali tagħha fl-Anness ta' dan ir-Rapport.

**3. IL-PASSI LI JMISS GĦAD-DEĊIŻJONI KWADRU**

Il-Kummissjoni tieħu din l-opportunità biex tiġbed l-attenzjoni għal żewġ kwistjonijiet li jeħtieġu jiġu indirizzati fis-snin li ġejjin:

- **'Reformattage'**

Kif tindika l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "Dwar l-Implikazzjonijiet tas-Sentenza tal-Qorti tat-13 ta' Settembru 2005" (Il-Każ C-176/03 Il-Kummissjoni vs. Il-Kunsill) (COM(2005) 583 finali/2 Brussell 24.11.2005), id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni fis-Settur Privat hija waħda mill-istrumenti affettwati b'din is-sentenza. Is-sentenza tindika li l-bażi legali tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill teħtieġ li tiġi emendata. L-implikazzjonijiet għad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill, u l-istrateġija li għandha tiġi adottata, se jiġu indirizzati fil-ġejjieni.

- **L-istħarriġ ta' l-Artikolu 2 mill-Kunsill, kif provdut mill-Artikolu 2(5)**

Permezz ta' l-Artikolu 2 (4), id-Dikjarazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 2 (3), għandhom jiskadu fil-21 ta' Lulju 2010. Sa dik id-data, l-Artikolu 2(5) jeħtieġ lill-Kunsill jistħarreġ l-Artikolu 2 "bil-ħsieb li jiġi kkunsidrat jekk għandux ikun possibbli li jiġġeddu d-dikjarazzjonijiet magħmula taħt il-paragrafu 3." Erba' Stati Membri (AT, DE, IT, PL) għamlu Dikjarazzjonijiet.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Għandu jiġi nnutat li, min-natura tagħhom, id-deċiżjonijiet qafas[12] jorbtu lill-Istati Membri dwar ir-riżultat li għandu jinkiseb, iżda l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħżlu l-forma u l-metodu ta' l-implimentazzjoni. Id-deċiżjonijiet qafas ma jimplikawx effett dirett. Minħabba li l-Kummissjoni ma għandha ebda awtorità taħt it-Tielet Pilastru biex tibda proċedura ta' ksir kontra Stat Membru, in-natura u l-għan ta' dan ir-rapport huma limitati għal evalwazzjoni fattwali tal-miżuri ta' traspożizzjoni meħuda minn 23 Stat Membru (effettivament għoxrin, għar-raġunijiet mogħtija qabel).

**Tabella qasira li turi l-grad tat-traspożizzjoni mill-20 Stat Membru**

E = nuqqas ta' / ebda informazzjoni, M = mhux traspost, P = parzjalment traspost, T = traspost b'mod sħiħ

| SM | Artikolu 1 | Artikolu 2 | Artikolu 3 | Artikolu 4 | Artikolu 5 | Artikolu 6 | L-Artikolu 7 (1) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **AT** | E (PL)<br>E (KD) | P | T | P | M | M | E |
| **BE** | T (PL)<br>T (KD) | T | T | E | P | E | P |
| **DE** | E (PL)<br>E (KD) | P | T | T | P | P | T |
| **DK** | T (PL)<br>E (KD) | P | T | T | P | T | T |
| **EE** | T (PL)<br>T (KD) | P | T | T | P | P | E |
| **FI** | T (PL)<br>E (KD) | P | T | T | P | P | E |
| **FR** | E (PL)<br>T (KD) | P | E | P | P | E | E |
| **HU** | T (PL)<br>E (KD) | P | T | P | E | P | P |

12 L-Artikolu 34 (2)(b), Trattat dwar Unjoni Ewropea

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **IE** | T (PL)<br>T (KD) | P | T | T | P | P | P |
| **IT** | E (PL)<br>E (KD) | P | T | T | M | M | P |
| **LT** | T (PL)<br>T (KD) | P | T | T | T | T | E |
| **LU** | E (PL)<br>E (KD) | P | T | T | T | P | P |
| **LV** | E (PL)<br>E (KD) | P | T | P | P | P | P |
| **NL** | E (PL)<br>T (KD) | P | T | T | T | T | P |
| **PL** | T (PL)<br>T (KD) | P | T | T | T | T | P |
| **PT** | T (PL)<br>T (KD) | P | T | P | P | P | P |
| **SE** | E (PL)<br>E (KD) | P | T | T | P | P | P |
| **SK** | E (PL)<br>E (KD) | P | T | P | M | M | P |
| **SI** | T (PL)<br>E (KD) | P | T | P | T | T | P |
| **UK** | T (PL)<br>E (KD) | T | T (L-Ingilterra, *Wales* u l-Irlanda ta' Fuq)<br>E (L-Iskozja) | P | P | P | T |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Traspożiz zjonijiet totali** | 10 (PL)<br>8 (KD) | 2 | 18 | 11 | 5 | 5 | 3 |

(PL) = Persuna Legali (KD) = Ksur ta' Dmir

**Rimarki Finali**

Huwa ta' tħassib għall-Kummissjoni li t-traspożizzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill għadha fi stadju bikri fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tfakkar lill-Istati Membri dwar l-importanza li taw għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat[13]. Barra minn dan, il-Kummissjoni tosserva li din l-importanza hija wkoll riflessa fil-Konvenzjoni tal-Kunsill Ewropea tal-Liġi Kriminali 1999, u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni 2003. Il-leġiżlazzjoni qawwija u komprensiva fuq livell nazzjonali hija s-sisien għall-protezzjoni effettiva tas-settur privat kontra din it-theddida ekonomika.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri kollha jqisu dan ir-Rapport u jieħdu l-opportunità jipprovdu l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-Kunsill, sabiex jitlesta t-twettiq ta' l-obbligi tagħhom skond l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Kwadru. Ukoll, il-Kummissjoni tħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li indikaw li qed jippreparaw il-leġiżlazzjoni rilevanti, biex jippromulgaw dawn il-miżuri nazzjonali mill-aktar fis possibbli u biex jipprovdu t-testijiet li lis-Segretarjat tal-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-analiżi. Din is-sejħa ssir b'mod partikolari lill-Greċja u Spanja, li fl-2005 indikaw li kienu qed jippreparaw l-abbozzi tal-leġiżazzjoni, iżda li għadhom ma pprovdew ebda tagħrif ulterjuri. Fl-aħħar, il-Kummissjoni tosserva b'ansjetà li 2 Stati Membri sal-lum għadhom ma rrispondewx (CY, MT), kontra l-Artikolu 9, u tħeġġiġhom jipprovdu d-dettalji sħaħ tat-traspożizzjoni tagħhom mingħajr aktar dewmien.

Id-dokument ta' ħidma ta' l-impjegati mehmmuż jipprovdi analiżi aktar dettaljati tal-miżuri nazzjonali ta' l-Istati Membri, li fuqhom hija bbażata l-analiżi tal-Kummissjoni.

13 (il-paragrafu (9) tal-Preambolu tad-Deċiżjoni Kwadru)